MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 226/2002/1

**M. Demajo (Holdings) Limited**

vs

**Anthony Frendo, Maria Carmela Calleja u Source Supplies Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-26 ta' Frar 2002 li biha s-socjeta' attrici ppremettiet illi hija kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' hamest elef hames mija u disgha u ghoxrin lira u tmienja u tletin centezmu (LM5529.38) import ta' seba' u erbghin kambjala li skadew ull gimgha bejn s-26 ta' Dicembru 2000 u l-15 ta' Novembru, 2001 inklussivament;

Ippremettiet illi l-konvenuti nonostante l-fatt illi gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu baqghu inadempjenti;

Talbet ghalhekk is-socjeta' attrici biex ighidu l-konvenuti 'l ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, u dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u in vista ta' l-affidavit ta' Gaetano Cordina (Dok A) m'ghandux minn din il-Qorti:-
1. Jigu solidalment kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' hamest elef hames mija u disgha u ghoxrin lira u tmienja u tletin centezmu (LM5529.38).

Bl-ispejjez komprisi dawk tal-mandat ta' sekwestru ppresentat kontestwament u bl-imghax legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenuti kollha li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**IMHALLEF**

**D/REG**